MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 201/2012

**Raymanda Limited (C18454)**

**Beraq Limited (C10018)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Illum 15 ta' Jannar 2015

It-Tribunal

Ra r-rikors ta' l-appell promotur prezentat fis-26 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu s-socjetajiet appellanti appellaw mid-decizjoni tal-15 ta' Lulju 2011 li biha d-Direttur Generali (Taxxi Interni) cahad l-oggezzjoni ta'l-appellanti u talab li konsegwentement thassar il-likwidazzjoni ta' taxxa (fuq dokumenti u trasferimenti) dwar trasferiment ta' propjeta mmobbli mill-appellanti liema trasferiment sehh fid-9 ta' Ottubru 2008.

Ra r-risposta ta' l-appellat prezentata f'l-20 ta' Lulju 2012 li permezz taghha ssottometta li l-likwidazzjoni hija gusta u timmerita konferma.

Ra r-risposta ulterjuri ta'l-appellat prezentata fil-5 ta' Frar 2014 permezz ta' liema ecceppixxa n-nullita tar-rikors promotur stante li prezentat *fuori termine*.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali.

Sema' il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri u li huwa relevant ai fini ta'l-eccezzjoni ta' nullita, fil-qosor huma s-segwenti:

- L-att notarili permezz ta' liema s-socjetajiet appellanti trasferew propjeta immobbli (Villa Ecklandhaus Triq iz-Zugraga Mriehel) gie ippublikat fid-9 ta' Ottubru 2008 bil-prezz ta' €284,183.55.
- L-avviz ta' trasferiment, bil-hlas tat-taxxa provizzorja u boll relattiv, sar fis-26 ta' Novembru 2008.

- Id-Direttur appellat, wara stima li saret minn perit inkarigat minnu, stabilixxa l-valur ta' l-immobbli fuq imsemmi f'l-ammont ta' €350,000 u hareg likwidazzjoni ta' taxxa fil-25 ta' Frar 2009. L-appellanti oggezzjonaw ghal din il-likwidazzjoni permez ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2009.
- Din l-oggezzjoni giet segwieta b'korrispondenza u xi laqghat pero b'decizjoni finali tieghu datata 15 ta' Lulju 2011 id-Direttur appellat irrifjuta din l-oggezzjoni. Ghandu jinghad li fil-kors tad-diskussjonijiet il-valur ta'l-immobbli kien gie ri-stabbilit mid-Direttur appellat f'l-ammont ta' €345,000.
- Id-decizjoni ta' rifjut giet komunikata lill-appellanti permezz ta' avviz datat 19 ta' Lulju 2011. L-avviz relattiv gie konsenjat lill-appellanti fit-23 ta' Lulju 2011.
- Fis-26 ta' Lulju 2011 l-appellanti baghtu ittra lid-Direttur appellat permezz ta' liema "appellaw" mid-decizjoni tieghu tal-15 ta' Lulju 2011.
- Fid-19 ta' Settembru 2011 id-Direttur appellat baghat avviz lill-appellanti permezz ta' liema talabhom ihallsu t-taxxa u taxxa addizzjonali kalkolati fuq l-valur finalment minnu stabbilit bid-decizjoni tal-15 ta' Lulju 2011.
- Din it-talba giet segwieta b'korrispondenza u laqghat bejn il-partijiet apparentment intiezi biex jintlahaq xi ftehiem li baqa' qatt ma ntlahaq.
- Fis-26 ta' Gunju 2012 gie intavolat r-rikors odjern permezz ta' liema sar l-appell mid-decizjoni ta' rifjut tad-direttur appellat.

Illi dan l-iter jirrizulta mill-provi prodotti u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhu. Fil-verita l-appellanti mhux qed jikkontestaw il-fatt li l-appell gie prezentat tardivament; huma qed jikkontendu li dan gara ghaliex gew sgwidati minn xi ufficjal f'l-ufficju tad-Direttur appellat li qallhom li l-appell jsir permezz ta' ittra u ma qalilhomx li l-appell ghandu jsir peremzz ta' rikors quddiem dan it-Tribunal. L-appellanti fil-fatt qed jikkontendu li ladarba huma gew hekk sgwidati l-appell odjern ghandu jigi accettat bhala wiehed validu.

Illi da parti tieghu d-Direttur appellat qed jikkontendi li l-appellanti ma gewx sgwidati dwar kif u meta kellu jigi ntavolat l-appell mid-decizjoni ta'

rifjut pero (dejjem skond d-Direttur appellat) dan huwa irrilevanti ghaliex it-terminu ta'l-appell huwa wiehed perentorju u inderogabbli u ghalhekk indipendentement mir-raguni ghaliex l-appell sar tard la darba sar tard huwa null.

Ikkunisdrat

Illi fattwalment it-Tribunal mhuwiex konvint li Vella inghata informazzjoni skoretta ghal dak li jirrigwarda l-appell mid-decizjoni ta' rifjut tal-15 ta' Lulju 2011 mibghuta lilu permezz ta'l-avviz data 19 ta' Luju 2011. U hija l-ispjega li ta Vella fid-depozizzjoni fit-18 ta' Gunju 2014 li titfa dubbju fuq l-asserzjoni tieghu li gie sgiwidat. Minn dik id-depozizzjoni johrog car li meta Vella ircieva l-avviz ta' rifjut hu, minghajr ma kkonsulta ma hadd u minghajr ma kellem lil hadd fid-dipartiment, qabad u baghat dik l-ittra tas-26 ta' Lulju 2011 li hu kien jikkonsidra bhala appell. Kien biss f'Novembru 2011 wara li ircieva t-talba ghall-hlas li huwa tkellem ma xi ufficjal tad-dipartiment (f'dak l-istadju kellem lil certu Alex Frendo). Jekk verament kien hemm xi ufficjal li qal lil Vella li l-kwistjoni ta' bejniethom trid tigi rizolta fid-dipartiment u mhux fil-Qorti[1] dan id-diskors sar fi stadju meta kienet ghada qed tigi skambjata korrispondenza biex jigi ffissat il-valur ta'l-immobbli trasferit mill-perit dipartimentali u d-Direttur appellat. Meta gie superat dan l-istadju u ittiehdet id-decizjoni (ta' rifjut) mid-dipartiment intbaghat l-avviz lill-appellanti u Vella, minkejja li dan l-avviz kien fih avvertiment li appell ried isir fi zmien tletin gurnata **quddiem lit-Tribunal** ghazel (minghajr ma kellem lil hadd) li jwiegeb hu ghal dak l-avviz ta' rifjut permezz ta' ittra registrata lid-Dipartiment.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi hija dibattibbli ferm it-tezi li huwa gie sgwidat fil-mod kif kellu jappella.

[1] Hekk qed jallega Emanuel Vella.

Illi pero fil-fehma tat-Tribunal il-kwistjoni jekk l-appellanti gewx sgwidati jew le hija sekondarja ghal kwistjoni ohra u cioe jekk l-inderogabilita tat-termini ta'l-appell hux principju assolut jew jammettiex eccezzjonijiet.

Illi l-Qorti ta' l-Appell kellha l-opportunita tippronunzja ruhha dwar l-osservanza ta' termini imposti mill-Ligi, u l-irritwalita ta' appelli prezentati fuori termine. Fis-sentenza f'l-ismijiet San Martin Estates Ltd vs Maria Gauci et[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*… … izda t-termini imposti bil-ligi, li huma ta' ordni pubbliku, ghandhom jigu osservati.*

*Fil-kawza ricenti fl-ismijiet Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-6 ta' Ottubru 2010, gie traccjat dan il-hsieb dwar it-termini ghall-appell:*

*"Is-socjeta` intimata opponiet dan l-appell bis-sottomissjoni illi l-istess hu irritwali in kwantu fuori termine. Dan apparti li kkontestat ukoll il-mertu tieghu;*

*"Fuq din il-pregudizzjali jibda biex jigi registrat illi huwa fil-generalita` tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Ara "Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et", Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927;*

[2] Appell deciz fil-31 ta' Jannar 2011.

> *"Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007."*

Illi dan il-principju gie ribadiet f'sentenza ftit aktar ricenti mill-istess Qorti ta'l-Appell fil-kawza f'l-ismijiet JF Security & Consultancy Services Limited et vs Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici et[3].

Illi dwar l-inderogabilita tat-termini imposti mill-Ligi ai fini ta' appell anke dan it-Tribunal kif diversament presedut kellu l-opportunita jippronunzja ruhhu. Fis-sentenza f'l-ismijiet Sandra Falzon et vs Kummissarju tat-Taxxi[4]

[3] Appell deciz fis-6 ta' Mejju 2011.
[4] Kawza deciza fit-23 ta' April 2013.

it-Tribunal ghamel referenza ghal gurisprudenza ohra u kkonkluda hu ukoll li

*it-terminu ghall-prezentata ta' appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), stabbilit fil-Ligi – senjatament fl-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa terminu ta' ordni pubbliku u kwindi mhux derogabbli jew tali li jista' jigi estiz jew sanat.*

*..........*

*Kif diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali, inkluz f'sentenzi rigwardanti appelli minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, meta l-ligi tippreskrivi li certi atti ghandhom isiru f' certi termini, dawk it-termini, in kwantu perentorji, ghandhom jigu osservati ad unguem, ghax, fin-nuqqas, dak l-att ma jistax jitqies ritwali u jitqies li ma giexipprezentat. Din is-sanzjoni hi intiza li tikkolpixxi kondotta processwali volontarja u kolpevoli ghall-inkurja u negligenza ta' l-osservanza tat-termini statutorji stabbiliti. Dan hu hekk anke taht il-Kodici ritwali quddiem il-Qrati, in kwantu kif jinsab ritenut "under that Code and in general practise of our Courts, times allowed for entering an appeal have always been considered as mandatory, whether they are expressly stated to be peremptory or not" (Kaz. Nru. 85, Appell mill-Bord ta' Kummissarji Specjali, 5 ta' Marzu 1971). Li jfisser, in linea ta' massima generali, illi t-terminu, la darba skadut, ma jistax jigi prorogat, estiz jew sanat mill-Bord "L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-*

*partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizulta lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio. Una volta l-adezjoni jew ir-rinunzja tal-parti opposta ma tistax tissana d-difett procedurali hu ghal kollox immaterjali jekk din l-eccezzjoni tkunx jew le giet sollevata mill-parti l-ohra. In-nullita` tattakka l-att fih innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun migjuba a konoxxenza taghha (ref John Azzopardi vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Appell 16/06 decia mill-Qorti ta'l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007).*

Illi in sostenn tat-tezi taghhom li jistghu jezistu cirkostanzi meta appell ghandu jigi accettat bhala wiehed validu ghalkemm apparentement monk l-appellanti ghamlu referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Avv Dr Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti[5] u fis-sentenza Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Awtorita ta'l-Ippjanar[6]

Illi pero fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-principji elaborati f'dawn is-sentenzi ma jistghux isibu applikazzjoni fil-kaz odjern. F'l-ewwel sentenza fuq imsemmija ntqal hekk:

*F'materja ta' procedura, ir-regoli jridu, sa certu punt, jigu segwiti ad unguem,* ***izda hadd ma jista' jigi penalizzat talli jonqos li jsegwi procedura mhux determinata b'regolament; huma r-regoli li jridu jigi segwiti, mhux xi prattika interna tad-dipartiment.*** *F'gieh is-serjeta` u t-trasparenza, hadd ma ghandu jigi penalizzat u skwalifikat ghax ma jkunx segwa xi regola li ma*

[5] Appell deciz fis-27 ta' Gunju 2008.
[6] Appell deciz fit-22 ta' April 1996.

*tkunx tirrizulta mil-ligi.* ***Id-dipartiment jista, entro l-limiti tal-ligi, jirregola l-procedura interna tieghu b'certu mod, pero`, dawn iridu jkunu pubblicizzati u ma jistghux ikunu ta' pregjudizzju ghall-klijent li jkun segwa l-ligi u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess dipartiment[7].*** *Darba li l-pubbliku nghata struzzjonijiet dwar kif jixhet l-offerta tieghu, jekk isegwi dawk l-istruzzjonijiet, l-offerta ghandha titqies valida, u mhux mistenni li, wara li tinxtehet l-offerta, l-istess offerta tigi skwalifikata minhabba xi htiega li ma kenitx tirrizulta minn dawk l-istruzzjonijiet u lanqas minn qari logiku u bissens tal-ligi applikabbli.*

*F'kuntest ta' appell wara decizjoni tal-Bord ta' l-Appell fi hdan l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, din il-Qorti fil-kawza Testaferrata Moroni Viani et v. Awtorita` ta' l-Ippjanar, deciza fit-22 ta' April 1996, qalet li jekk l-awtorita` taghti lill-applikant istruzzjonijiet dwar kif ghandu jigi registrat appell, u dawn l-istruzzjonijiet jigu segwiti, dak l-appell m'ghandux jigi dikjarat null minhabba l-fatt li l-applikant naqas li jsegwi pass iehor indikat fl-avviz legali relattiv izda mhux fl-istruzzjonijiet. Ahseb u ara, applikat dan il-principju ghal dan il-kawza, kemm applikazzjoni tista' tigi dikjarata nulla meta gew segwiti l-proceduri indikati fl-istruzzjonijiet u fl-avviz legali relattiv, izda mhux xi haga ohra rikjesta mill-esigenzi interni tad-dipartiment konvenut. Il-principju ta' gustizzja naturali u 'fairness' jigu mwarrba jekk isehh il-konsegwenza li qed jargumenta ghaliha d-dipartiment konvenut.*

Illi minn dan il-bran huwa car li l-Qorti ma kienitx qed tammetti eccezzjoni ghall-principju ta’l-inderogabbilita tat-termini ta’l-appell ghaliex dak li kien qed jigi diskuss kien l-osservanza o meno ta’ rekwiziti dipartimentali u mhux ta’ termini (jew kundizzjonijiet ohra) imposti mill-Ligi.

[7] Is-sottolinear huwa kollu tat-Tribunal.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat ukoll li, fil-kaz oodjern, l-appellanti ircevew “struzzjonijiet” mid-Dipartient koncernat dwar il-procedura li ghandha tigi segwieta mill-mument li jigi registrat konvenju sa kemm jigi pubblikat l-att notarili relattiv u anke wara meta jkun hemm kontestazzjoni dwar il-valur attribwiet lill-immobbli trasferiet. Dawn l-“istruzzjonijiet” ippublikati f’forma ta’ pamphlet gew esebieti minn Emanuel Vella (Dok EV8). F’dan il-pamphlet, li Vella segwih biex jitlob li jintbaghat it-tieni perit dipartimentli[8] f’l-istadju ta’l-oggezzjoni, jiastabilixxi li wara l-istadju ta’l-oggezzjoni hemm dritt ta’appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv fi zmien tletin gurnata mid-data tar-rifjut finali.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tal-fatt li l-appell gie prezentat tardivament, u tenut kont ta’ dak li tipprovdi l-gurisprudenza fuq kwotata, it-Tribunal bil-fors ghandu jikkunisdra l-appell bhala irritu u null.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jilqa l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur appellat u jiddikjara dan l-appell irritu u null in kwantu prezentat fuori termine; l-spejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[8] Dan jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu a fol 106 tal-process (l-ahhar paragrafu)

---------------------------------TMIEM---------------------------------